MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1501/2000/1

**Emanuela Gauci li b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Novembru, 2003, assumew l-atti Maria Dolores Abela u Thomas Abela minflok l-attrici Emanuela Gauci li mietet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Lawrence Mifsud, Mary Mifsud, Charles Cassar, Francesco Cassar, Peter Cassar, Victor Sacco, Maryanne Sacco, Evelina Cassar, Frank Camilleri, Joseph Camilleri, Joseph Cassar**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fid-19 ta' Lulju, 2000, li *in forza* taghha wara li ppremettiet illi:

L-mizzewgin Joseph Coppola u Maria Coppola fi xbubitha Cassar mietu rispettivament fis-27 ta' Frar, 1979 u 11 ta' Ottubru, 1983.

Mir-ricerki testamentarji maghmula fir-Registru Pubbliku u fis-Sekond Awla tal-Qorti Civili rrizulta li l-konjugi kienu ghamlu testment pubbliku *unika charta* fl-1 ta' Frar, 1977 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia kif ukoll li sussegwentement ghall-mewt ta' zewgha Mary Coppola ghamlet zewg testmenti pubblici wiehed datat 30 ta' Awissu, 1979 atti Nutar Joseph Cachia u iehor fil-5 ta' April, 1983 atti Nutar John Gambina kif ukoll testmenti sigrieti datati 1 ta' Settembru, 1981 u iehor 14 ta' Jannar, 1982.

Fl-artikolu tlieta tat-testment *unica charta* l-imsemmija konjugi istitwew lil xulxin werrieta u ghalhekk mal-mewt ta' zewgha l-imsemmija Mary Coppola saret l-werrieta unika tieghu.

Ghalhekk l-ahhar testment li jirregola l-wirt taghha kien dak tal-5 ta' April, 1983 atti Nutar John Gambin.

*Ai termini* tal-imsemmi l-konvenuta Mary Mifsud fl-artikolu tlieta giet istitwita legatarja *in piena* u assoluta proprjata' ta' dak kollu li kien jinsab fid-dar tad-*decujus* inkluzi oggetti tad-deheb, hagar u metalli prezzjuzi *pero'* mhux inkluzi kontanti.

Fir-raba' artikolu tal-imsemmi thallew bhala eredi f'parti wahda minn disa' s-segwenti: 1. Lawrence Mifsud bin Louis, 2. Mary Mifsud bint Louis, 3. Joseph bin Emanuel; 4. Frank Camilleri bin Emanuel; 5. Victor u Mary Sacco; 6. Emanuela Gauci armla ta' Oscar; 7. Joseph Cassar; 8. Evelina Cassar armla ta' Peter; 9 u kwota wahda flimkien Charles, Francesco u Peter ahwa Cassar ulied Lino u Grace Cassar.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddeciedi u tiddikjara li d-*decujus* Mary Coppola wirtet lil Joseph Coppola meta dan miet qabilha *ai termini* tat-testment *unika charta* tal-1 ta' Frar, 1977 fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia.

2. tiddikjara u tiddeciedi li l-ahhar testment li jirregola l-wirt gjacenti tad-*decujus* Mary Coppola huwa dak tal-5 ta' April, 1983 fl-atti tan-Nutar John Gambin.

3. tillikwida l-assi taz-zewg konjugi Mary u Joseph Coppola okkorendo bin-nomina ta' periti teknici.

4. tassenja minn dawn l-assi l-ewwel l-legat lill-konvenuta Mary Mifsud kif kontenut fl-artikolu tlieta tal-imsemmi testment tal-5 ta' April, 1993 fl-atti tan-Nutar John Gambin u *cioe'* il-piena u assoluta proprjeta' ta' dak kollu li kien jinsab fid-dar tad-*decujus* inkluzi oggetti tad-deheb, hagar u metalli prezzjuzi *pero'* mhux inkluzi kontanti.

5. tiddividi u taqsam l-assi rimanenti tal-imsemmija f'disa' (9) porzjonijiet ugwali.

6. tassenja lill-werrieta u *cioe'* lis-segwenti 1. Lawrence Mifsud bin Louis, 2. Mary Mifsud bint Louis, 3. Joseph bin Emanuel; 4. Frank Camilleri bin Emanuel; 5. Victor u Mary Sacco; 6. Emanuela Gauci armla ta' Oscar; 7. Joseph Cassar; 8. Evelina Cassar armla ta' Peter; 9 u kwota wahda flimkien Charles, Francesco u Peter ahwa Cassar ulied Lino u Grace Cassar parti minn disa' kull wiehed.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali l-konvenuti mharka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2001, fejn il-konvenuti kollha, minbarra l-konvenuti Lawrence u Mary ahwa Mifsud u Joseph Cassar, iddikjaraw li huma jaqblu mat-talbiet tal-attrici;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-8 ta’ Novembru, 2001, li *in forza* tieghu qisiet illi hemm difett fin-notifika tal-konvenuti ahwa Mifsud u, ghalhekk, jidher xieraq li dawn jithallew jikkontestaw il-kawza;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Lawrence u Mary ahwa Mifsud u ta’ Joseph Cassar li *in forza* taghha eccepew illi:

1. Nforza tad-disa’ artikolu tat-testment *‘unica charta’ in atti* tat-Nutar Dottor Joseph Cachia tal-1 ta’ Frar, 1997 hawn anness bhala dokument A, t-testatur Joseph Coppola mat-testattrici martu Mary Coppola akkordaw *“lis-superstiti l-fakolta li jkun jista’ jiddisponi diversament minn dan t-testment minghajr ma jinkorri fil-penalitajiet kontemplati fil-ligi* ***accettwati pero’ l-imsemmija legati li ghandhom jibqghu fermi u shah u ghalhekk ma humiex inklusi f’dan id-dritt li jigi varjat t-testment presenti mis-superstiti”***.

*2.* Konsegwentament kwalunkwe testmenti ohra li saru mit-testatrici Mary Coppola wara t-testment hawn fuq citat u dana fejn jirrigwarda l-varjazzjoni tal-legati mhollija u limitatament fuq dik l-porzjoni emergenti minn sehem it-testatur Joseph Coppola huma nulli u bla effett, u ghalhekk ghall-fini tal-hlas tal-legati t-testment *‘unica charta’* tal-1 ta’ Frar, 1977 *in atti* tan-Nutar Dottor Joseph Cachia ghandu wkoll japplika u jittiehed *in konsiderazzjoni.*

3. Bla pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti qatt ma opponew ghall-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-assi ereditarji mertu ta’ dina l-kawza *purche* li dina ssir skond r-rieda tat-testaturi, u ghalhekk, kwalunkwe tentattiv ghall-likwidazzjoni u divizjoni bonarja fallew tort tal-attrici u dana kif ser jigi pruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza, b’hekk l-eccipjenti m’ghandhomx jigu kkundannati jhallsu l-kap ta’ l-ispejjez.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-21 ta’ Gunju, 2002, li *in forza* tieghu, *in vista* tan-natura tal-kawza, immominat bhala perit legali lil Dr. Joseph Azzopardi sabiex jirrelata fuq id-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tat-12 ta’ Gunju, 2003, li *in forza* tieghu peress illi l-perit legali Dr. Joseph Azzopardi gie elevat ghall-gudikatura, issostitwit ghalih, bl-istess inkarigu u fakultajiet, lil Dr. Mark Chetcuti;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit legali;

Rat li fil-verbal tas-17 ta’ Ottubru, 2003, quddiem il-perit legali, fejn il-partijiet qablu illi l-ewwel ghandhom jigu ezawriti l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti, u l-perit legali gie awtorizzat jirrelata fuq dawk iz-zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Rat ir-rapport tal-perit legali minnu ipprezentat fl-4 ta’ Novembru, 2003, u mahluf fl-udjenza tat-22 ta’ Gunju, 2004;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Ikkunsidrat;

Il-kwistjoni hi wahda dwar il-portata legali ta’ kundizzjoni imposta f’testment *unica charta* tal-konjugi Joseph u Maria Coppola tal-1 ta’ Frar, 1977, Atti Nutar Joseph Cachia. F’dan it-testment, u senjatament fl-artikolu 3, il-konjugi Coppola istitwew lil xulxin eredi universali u padruni

assoluti tal-assi reciproci taghhom. Huma mbaghad ghaddew biex istitwew diversi legati. Fl-artikolu 9 imbaghad huma taw lil xulxin id-dritt li jvarjaw it-testment minghajr ma jinkorri fil-penalitajiet kontemplati fil-ligi, accettwati, *pero'*, il-legati li ghandhom jibqghu fermi u shah u mhux inkluzi fid-dritt li jigi varjat it-testment mis-superstiti.

Joseph Coppola miet fis-27 ta' Frar, 1979, minghajr ma gie varjat dan it-testment mentri Maria Coppola mietet fil-11 ta' Ottubru, 1983 wara li varjat it-testment permezz ta' testmenti ohra, senjatament l-ahhar wiehed li ghamlet fil-5 ta' April, 1983 li bih irrevokat kull testment precedenti u impingiet fuq il-legati mhollija fit-testment *unica charta*.

Il-kwistjoni legali li tinsorgi hi l-effett tar-rabta fit-testment bejn il-konjugi Coppola li ma jbiddlux il-legati mhollija fit-testmetn tal-1 ta' Frar, 1977. L-artikoli relevanti tal-Kodici Civili huma s-segwenti:

L-artikolu 592(1) jgid illi *"kemm-il darba dan it-testment (*wiehed unica charta*) jigi mhassar minn wiehed mit-testaturi kwantu ghall-assi tieghu, jibqa' shih kwantu ghall-assi tal-iehor".*

L-artikolu 593(1) jghid illi *"kemm-il darba f'testment unica charta t-testaturi jkunu hallew wiehed lil iehor, bi proprjeta, il-hwejjeg taghhom, it-testatur li jibqa' haj wara 'l iehor u li jhassar it-testment kwantu ghall-assi tieghu jitlef, jekk it-testatur li jmut qabel ma jkunx iddispona mod iehor, kull jedd li kellu bis-sahha ta' dak it-testment fuq l-assi tat-testatur li jmut qabel"*.

L-artikolu 594 imbaghad ighid illi *"F'kull kaz l-assi tat-testatur li jmut l-ewwel bil-frottijiet kollha mill-mewt tieghu, imorri ghand il-werrieta tieghu mahtura, bla hsara tal-legati li jkunu gew imhollija lil persuna diversa mit-testatur li jkun hassar id-dispozizzjonijiet tieghu"*.

Din il-Qorti tibda' biex tinnota li f'kaz li testatur jagixxi kontra provedimenti li jkunu jinsabu f'testment *unica charta*, l-effett ma jqum qatt dak li jitqies bhala null jew

minghajr effett it-testment il-gdid tat-testatur. Il-Qorti tfakkar li l-istitut ta' testment *unica charta* ma kienx jezisti fid-dritt Ruman, izda kien tollerat fost it-tribujiet germanizi fejn testment simili kien komuni. Il-principju li johrog mid-dritt Ruman huwa r-revokabilita' ta' kull disposizzjoni testamentarju, maqud mieghu l-liberta' testimonjali, fis-sens li hadd u xejn m'ghandu jfixkel lill-testatur milli jipprovdi ghal wirt tieghu kif jidhirlu hu. Tant kien bazilari dan il-principju, li meta l-legislatur Malti kien qed jikkunsidra idahalx l-istitut ta' testment *unica charta* fil-ligi maltija, iddecida li jimmodifika l-effett kuntrattwali tal-provedimenti f'testment *unica charta*, fis-sens li jekk testatur jigi mizmum milli ivarja testment *unica charta* kwantu ghall-assi tieghu, gie pprovdut li huwa, bhala fatt, ma jkunx hekk mizmum, u jista jipprovdi b'mod iehor ghall-assi tieghu, *cioe'*, differenti milli kif stipulat fit-testment *unica charta*, minghajr ma jkollu biza li dak li se jipprovdi fit-testment il-gdid jitqies null. Testment *unica charta* fejn il-konjugi jaghmlu disposizzjonijiet favur xulxin jitqies, fil-ligi maltija, maghmul taht kondizzjoni reciproca, fis-sens li d-disposizzjonijiet ta' testatur favur testatur iehor jibqghu jghoddu diment li t-testatur beneficcjarju ma jhassarx it-testment *unica charta in kwantu* ghall-assi tieghu; jekk it-testatur beneficcjarju hekk jagixxi, it-testment il-gdid ikun validu u jorbot, izda dak it-testatur jitlef kull jedd li kellu bis-sahha tat-testment *unica charta* fuq l-assi tal-testatur li jmut qabel.

*Kwindi*, l-eccezzjoni tal-konvenuti immirata lejn l-annullament tat-testment ta' Mary Coppola ma tistax tintlaqa', ghax mhux konformi mal-ligi.

Din il-Qorti ma taqbilx, *pero'*, mal-perit legali fejn dan irrelata li l-legati mhollija fit-testment *unica charta* ta' Joseph u Mary Coppola huma validi *in kwantu* s-sehem tan-nofs li kellu Joseph Coppola. Fit-testment *unica charta*, Joseph Coppola halla gidu kollu lill-martu, u ma halla xejn bhala legat lill-qraba tieghu (ma jirrizultax li Joseph u Mary Coppola kellhom ulied). Il-legati thallew <u>mis-superstiti</u>, u mhux minn Joseph Coppola. Mal-mewt ta' Joseph Coppola qabel martu, *cioe'*, fis-27 ta' Frar, 1979, il-wirt tieghu ghadda kollu f'idejn martu, u xejn

ghand haddiehor. Il-legati imsemmija fit-testment, f'dak il-mument saru laxxiti ta' Mary Coppola. *Nonostante* l-obbligu li assumiet biex dawk il-laxxiti ma tvarjahomx, hija xorta kellha d-dritt li thassarhom u tipprovdi xorta ohra fuq l-assi li issa saru kollha taghha. La darba, *pero'*, irrevokathom bit-testment taghha tal-5 ta' April, 1983, hija iddekadiet mill-wirt li irceviet minghand zewgha, *ai termini* tal-artikolu 593 tal-Kodici Civili. Li kieku t-testment *unica charta* kellu biss id-disposizzjoni fejn it-testaturi hallew werrieta lill-xulxin, dak it-testment kien jispicca l-effett tieghu mal-mewt tal-ewwel wiehed fost it-testaturi; f'dak il-kaz, is-superstiti jkun jista' jiddisponi mill-wirt kif irid (ara Kollez. Vol. XVI.II.62 u Vol. XVII.II.130). F'dan il-kaz, *pero'*, it-testaturi ma illimitawx ruhhom li jahtru lill-xulxin werrieta wiehed tal-iehor, izda ipprovdew b'legati x'jigri wara l-mewt tas-superstiti, u rabtu lill-xulxin biex ma jirrevokawx dawk il-legati. Minn qari tat-testment *unica charta* johrog car illi l-volonta' tat-testatur kienet illi s-superstiti ma tkunx padrun assolut tal-assi tal-predefunt; il-fattizzji partikolari tal-kaz juru li t-testatur predefunt, ghar-residwu, ried jippreferixxi certi persuni ghal dawk li talvolta tinnomina s-superstiti, u allura ghandu jinghad li fil-waqt li s-superstiti kellha l-fakolta' illimitata li tiddisponi b'att *"inter vivos"*, ma setghetx tiddisponi mir-residwu b'att testamentarju (ara Kollez. Vol. XXIX.II.565 u Vol. XXIX.I.148).

La darba Mary Coppola iddikadiet mill-beneficcju tat-testment ta' zewgha, u la darba l-istess Joseph Coppola ma ipprovdhiex x'jigri f'kaz ta' dekadenza, il-wirt tieghu ghandu jitqies li iddevolva *ab intestata* ghand il-qraba tieghu skond il-ligi.

Fil-fatt, kien stipulat fil-*Codice Municipale* malti tal-1784, li *"se tali testamenti sono corrispettivi, quando il superstite revochi in tutto o in parte le disposizioni che ha fatto con propri beni, non potra' chiedere niente di quelli della persona premorta; i quali beni passeranno per intero agli eredi del defunto, istitwiti nella stessa disposizione, od a coloro in favore dei quali il defunto avra' disposto in previsione di quella revoca, od agli eredi od intestato"* –

dawn il-principji gew sussegwentement inkorporati fil-Kodici Civili kurrenti.
B'hekk, Mary Coppola ma tistax titqies bhala l-werrieta universali ta' zewgha, peress li iddekadiet minn dan id-dritt bit-testment taghha tal-5 ta' April, 1983. Il-patrimonju tad-predefunt Joseph Coppola ghandu, ghalhekk, jitqies li iddevolva lill-eredi tieghu skond il-ligi. Peress li t-testatur miet bla tfal u l-axxendenti tieghu mietu qablu, il-wirt tieghu jigi regolat *ai termini* tal-artikolu 826(1)(b) tal-Kodici Civili, u *cioe'*, li l-wirt tieghu ghandu jigi allokat kwantu ghal nofs lill-martu Mary Coppola, u kwantu ghan-nofs l-iehor lill-hutu jew id-dixxendenti taghhom.

Dak li tilfet it-testatrici bit-testment taghha tal-5 ta' April, 1983, huwa kull jedd li kellha fuq l-assi ta' zewgha taht it-testment *unica charta*, imma mhux ukoll id-drittijiet taghha legali.

*Kwindi* l-proprjeta' li kellhom il-konjugi Coppola, u li kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, ghandha tinqassam hekk: sehem ta' nofs jigi assenjat lill-wirt ta' Joseph Coppola, liema sehem intiret nofs (jigifieri l-kwart tal-proprjeta') minn martu Mary Coppola, u n-nofs l-iehor minn hutu jew id-dixxendenti taghhom; Mary Coppola, min-naha l-ohra, ghandha tlett kwarti tal-proprjeta' (nofs bhala sehma tal-komunjoni tal-akkwisti u l-kwart li wirtet minghand zewgha), u dan il-wirt taghha hu regolat skond l-ahhar testament taghha, dak ippubblikat minn Nutar Dottor John Gambin fil-5 ta' April, 1983.

Fi ftit kliem, tlett kwarti mill-assi tal-konjugi Coppola (li li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom) jinqassmu skond it-testment ta' Mary Coppola tal-5 ta' April, 1983, u r-rimanenti kwart, huwa ta' hut, jew id-dixxendenti taghhom, ta' Joseph Coppola. La darba Mary Coppola, fl-ghotja ta' legati, ma qaletx li taf li l-oggetti tal-legati ma kienux kollha taghha, il-legati fit-testment taghha ghandhom ikunu limitati u jkollhom effett biss fuq sehem it-testatrici tal-oggetti indikati (artikolu 698 tal-Kodici Civili u "Zammit vs Zammit", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Gunju, 1957).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-vertenza billi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti – bl-ispejjez relattivi kontra taghhom – u wara li, f’dan l-istadju, tilqa’ *in parte* l-ewwel talba tal-atturi, u tiddikjara li Mary Coppola hi eredi f’sehem ta’ nofs tal-assi ta’ zewgha Joseph Coppola, u dan *ab intestato*, tilqa’ wkoll it-tieni talba kif dedotta, u tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni taghha fuq it-talbiet tal-atturi, fid-dawl ta’ l-eccezzjoni l-ohra tal-konvenuti; l-ispejjez, hlief dawk gia decizi, rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------